

31993L0109

L 329/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.12.1993

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/109/KE**

**tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8b (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>;

Billi t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirrappreżenta stadju ġdid fil-proċess tal-ħolqien ta' unjoni dejjem eqreb fost il-popli ta' l-Ewropa;

Billi wieħed mid-dmirijiet li għandha huwa li torganizza, b'mod li juri konsistenza u solidarjetà, ir-relazzjonijiet bejn il-popli ta' l-Istati Membri; billi l-għanijiet fundamentali tagħha jinkludu t-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha permezz ta' l-introduzzjoni ta' ċittadinanza ta' l-Unjoni;

Billi għal dan il-għan it-*Titolu II* tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jemenda t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, bil-ħsieb li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, jintroduċi ċittadinanza ta' l-Unjoni għaċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri u jikkonferixxi fuq dawn iċ-ċittadini numru ta' drittijiet fuq dan is-sies;

Billi d-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru tar-residenza, pprovdut fl-Artikolu 8b (2) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, huwa eżempju fejn ikun qed jiġi applikat il-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini u dawk li m'humiex u r-riżultat tad-dritt tal-moviment u r-residenza libera miġbura fl-Artikolu 8a ta' dan it-Trattat;

Billi l-Artikolu 8b (2) tat-Trattat KE huwa biss dwar il-possibbiltà li jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 138(3) tat-Trattat KE, li jipprovdi għat-twaqqif ta' proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha għal dawn l-elezzjonijiet;

Billi essenzjalment iffittex li jabolixxi l-ħtieġa tan-nazzjonalità li bħalissa teżisti fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri sabiex jiġu eżerċitati dawn id-drittijiet;

Billi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8b (2) tat-Trattat KE ma tissupponix konformità tas-sistemi elettorali ta' l-Istati Membri;

Billi, barra minn hekk, sabiex jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità preskritt fil-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 3b tat-Trattat KE, il-kontenut tal-leġislazzjoni Komunitarja f'din l-isfera ma jistax jespandi iktar minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb l-għan ta' l-Artikolu 8b (2) tat-Trattat KE;

Billi l-għan ta' l-Artikolu 8b (2) tat-Trattat KE huwa li jassigura li ċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni, sew jekk huma ċittadini ta' Stat Membru fejn joqgħodu jew le, jistgħu jeżerċitaw f'dan l-Istat id-dritt tagħhom tal-vot u l-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew bl-istess kondizzjonijiet;

Billi l-kondizzjonijiet li japplikaw għall-persuni li m'humiex ċittadini, inklużi dawk dwar il-perjodu taż-żmien u l-prova tar-residenza, għandhom għaldaqstant ikunu l-istess li japplikaw għaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru kkonċernat, fejn jeżistu;

Billi l-Artikolu 8b (2) tat-Trattat KE jipprovdi d-dritt għall-vot u għall-kandidatura għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri tar-residenza, mingħajr, madankollu, ma jnehhilhonx id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-Istat Membru li tiegħu ħuna ċittadini; billi l-libertà taċ-ċittadini ta' l-Unjoni li jagħżlu f'liema Stat Membru iridu jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej għandha tiġi rispettata, filwaqt li tingħata attenzjoni biex jiġi assigurat illi din il-libertà ma tiġix abbużata minn individwi li jivvotaw jew li joħorġu għall-elezzjoni fiktar minn pajjiż wieħed;

Billi kull deroga mir-regoli ġenerali ta' din id-Direttiva trid tiġi mħarsa skond l-Artikolu 8b (2) tat-Trattat KE minn problemi speċifiċi għal xi Stat Membru; billi kull deroga trid, min-natura tagħha, tkun suġġetta għar-reviżjoni;

Billi dawn il-problemi speċifiċi jistgħu jinħolqu fi Stat Membru li fih il-proporzjon taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'eta' tal-vot, li joqgħodu hemm imma m'humiex ċittadini, ikun' l fuq sewwa mill-medja; billi d-derogi jiġu mħarsa fejn dawn iċ-ċittadini jammontaw għal iktar minn 20 % ta' l-elettorat kollu; billi dawn id-derogi iridu jkun msejsa fuq il-kriterju tal-perjodu taż-żmien tar-residenza;

<sup>(1)</sup> ĠU C 329, tas-6.12.1993.

Billi ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni hija maħsuba sabiex tgħin li-ċittadini ta' l-Unjoni jintegraw ruħhom aħjar fil-pajjiż li jilqagħhom u li f'dan il-kuntest, hija skond l-intenzjonijiet ta' l-awturi tat-Trattat li tiġi evitata xi polarizzazzjoni bejn il-listi tal-kandidati nazzjonali u dawk li m'humiex;

Billi dan ir-riskju ta' polarizzazzjoni jirrigwarda b'mod partikolari lil Stat Membru li fih il-proporzjon ta' ċittadini ta' l-Unjoni li m'humiex ċittadini f'età tal-vot jaqbeż l-20 % tan-numru totali ta' ċittadini ta' l-Unjoni f'età tal-vot li joqgħodu hemm u għalhekk, huwa importanti li dan l-Istat Membru jista' jipprekrivi, skond l-Artikolu 8b tat-Trattat, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kompożizzjoni tal-lista tal-kandidati;

Billi għandu jitqies il-fatt illi f'ċerti Stati Membri r-residenti li huma ċittadini ta' Stati Membri oħra għandhom id-dritt li jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament nazzjonali u konsegwentement ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jistgħu jitħallew barra f'dawn l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## IL-KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tipprovdi l-arranġamenti dettaljati li bihom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li tiegħu m'humiex ċittadini jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-vot u għall-Kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

2. F'din id-Direttiva xejn m'għandu jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta' kull Stat Membru dwar id-dritt għall-vot u l-kandidatura ta' ċittadini tiegħu li joqgħodu barra mit-territorju elettorali (tiegħu).

#### Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva;

1. "elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew" tfisser elezzjonijiet b'suffraġju universali dirett għall-Parlament Ewropew tar-rappreżentati skond l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 <sup>(1)</sup>;
2. "territorju elettorali" ifisser it-territorju ta' Stat Membru li fih, skond l-Att imsemmi hawn fuq u, fi ħdan din l-istruttura, skond il-liġi elettorali ta' dan l-Istat Membru, l-membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti min-nies ta' dan l-Istat Membru;
3. "Stat Membru tar-residenza" ifisser Stat Membru li fih joqgħod iċ-ċittadin ta' l-Unjoni iżda li ma jkunx ċittadin tiegħu;

<sup>(1)</sup> ĠU L 278, tat-8.10.1976, p. 5.

4. "Stat Membru ta' ċittadinanza" ifisser Stat Membru li tiegħu ċittadin ta' l-Unjoni huwa ċittadin;
5. "Votant komunitarju" ifisser ċittadin ta' l-Unjoni li għandu dritt jivvota f'elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru li joqgħod fih skond din id-Direttiva;
6. "Ċittadin Komunitarju bi dritt li joħroġ bħala kandidat" ifisser ċittadin ta' l-Unjoni li għandu d-dritt li joħroġ bħala kandidat f'elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru li joqgħod fih skond din id-Direttiva;
7. "lista elettorali" tfisser ir-regjistru uffiċjali tal-votanti kollha li għandhom dritt jivvotaw fil-kostitwenza jew il-lokalità msemmija, miġbura u aġġornata mill-awtorità kompetenti skond il-liġi elettorali ta' l-Istat Membru tar-residenza, jew ir-regjistru tal-popolazzjoni, jekk dan jindika l-eliġibilità għall-vot;
8. "data tar-riferenza" tfisser il-jum jew il-jiem li fihom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni jridu jissodisfaw il-ħtiġijiet għall-votazzjoni jew biex wieħed joħroġ bħala kandidat f'dan l-Istat, skond il-liġi ta' l-Istat Membru tar-residenza;
9. "dikjarazzjoni formali" tfisser dikjarazzjoni mill-persuna kkonċernata; ineżattezzi jqiegħdu lil din il-persuna f'riskju ta' pieni skond il-liġi nazzjonali applikabbli.

#### Artikolu 3

Kull persuna li, fid-data tar-riferenza:

- (a) hija ċittadin ta' l-Unjoni skond it-tifsira tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) tat-Trattat;
- (b) m'hijiex ċittadin ta' l-Istat Membru tar-residenza imma tisso-disfa l-istess kondizzjonijiet f'dak li hu dritt għall-vot u biex wieħed joħroġ bħala kandidat kif titlob il-liġi ta' dan l-Istat miċ-ċittadini tiegħu,

għandu jkollha d-dritt li tivvota u li toħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru tar-residenza minbarra f'każ li tiġi m'caħħda m inn dawn id-drittijiet skond l-Artikoli 6 u 7.

Billi biex joħorġu bħala kandidati iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru tar-residenza jridu jkunu ilhom ċittadini għal ċertu perjodu minimu ta' żmien, iċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom jitqiesu li jissodisfaw din il-kondizzjoni meta jkun ilhom ċittadini ta' l-Istat Membru għall-istess perjodu ta' żmien.

#### Artikolu 4

1. Il-votanti tal-Komunità jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-vot jew fl-Istat Membru tar-residenza jew fl-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini. L-ebda persuna ma tista' tivvota iktar minn darba fl-istess elezzjoni.

2. L-ebda persuna ma tista' toħroġ bħala kandidat fiktur minn Stat Membru wieħed fl-istess elezzjoni.

## Artikolu 5

Jekk, sabiex jivvotaw jew biex joħorġu bħala kandidati, iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru tar-residenza jkunu qattgħu ċertu perjodu minimu taż-żmien bħala residenti fit-territorju elettorali ta' dan l-Istat, il-votanti u iċ-ċittadini tal-Komunità li għandhom dritt li joħorġu bħala kandidati għandhom jitqiesu li ssodisfaw din il-kondizzjoni fejn ikunu għixu għal perjodu ekwivalenti ta' żmien fi Stati Membri oħra. Din id-dispożizzjoni tapplika mingħajr preġudizzju għal xi kondizzjonijiet speċifiċi fuq it-tul tar-residenza f'xi kostitwenza jew lokalità partikolari.

## Artikolu 6

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni li joqgħod fi Stat Membru li tiegħu m'huwiex ċittadin jew li, bil-liġi ta' l-Istat Membru tar-residenza jew il-liġi ta' l-Istat Membru taċ-ċittadinanza, b'deċizzjoni individwali tal-liġi kriminali jew tal-liġi ċivili, iċċaħhadlu d-dritt għall-vot jew biex joħroġ bħala kandidat, dan m'għandux jitħalla jeżerċita dan id-dritt fl-Istat Membru tar-residenza fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

2. L-applikazzjoni ta' ċittadin ta' l-Unjoni biex joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru tar-residenza titqies bħala inammissibbli jekk dan iċ-ċittadin ma jipprovdi l-attestazzjoni mitluba fl-Artikolu 10(2).

## Artikolu 7

1. L-Istat Membru tar-residenza jista' jagħmel stħarriġ fuq iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li wrew ix-xewqa li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-vot f'dan l-Istat Membru jekk dan id-dritt kienx itt-eħdihom fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza minħabba xi deċizzjoni individwali tal-liġi ċivili jew tal-liġi kriminali.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru tar-residenza jista' jgħarraf lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza bid-dikjarazzjoni pprovdata fl-Artikolu 9(2). Għal dan il-għan, l-Istat Membru taċ-ċittadinanza għandu jgħaddi t-tagħrif meħtieġ li normalment ikollu fil-ħin u l-mod xieraq; dan it-tagħrif għandu jinkludi biss id-dettalji li huma strettament meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan l-Artikolu u li jistgħu jintużaw biss għal dan il-għan. Jekk it-tagħrif ipprovdut jinvalida l-kontenut tad-dikjarazzjoni, l-Istat Membru tar-residenza jieħu l-passi xierqa biex iwaqqaf il-persuna kkonċernata milli tivvota.

3. L-Istat Membru taċ-ċittadinanza jista' jgħaddi lill-Istat Membru tar-residenza kull tagħrif meħtieġ biex jiġi implimentat dan l-Artikolu fil-ħin u l-mod xieraq.

## Artikolu 8

1. Il-votant tal-Komunità jeżerċita d-dritt tiegħu għall-vot fl-Istat Membru tar-residenza jekk juri x-xewqa tiegħu li jagħmel dan.

2. Jekk il-vot huwa obbligatorju fl-Istat Membru tar-residenza, il-votanti tal-Komunità li wrew ix-xewqa li jivvotaw huma obbligati li jagħmlu dan.

## IL-KAPITOLU II

**L-EŻERĊIZZJU TAD-DRITT GĦALL-VOT U D-DRITT LI WIEĦED JOĦROĠ BĦALA KANDIDAT**

## Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jagħtu d-dritt lill-votant tal-Komunità li wera x-xewqa li jovvota jew joħroġ bħala kandidat billi jpoġġuh fuq il-lista elettorali fiż-żmien li hemm bżonn qabel il-jum tal-votazzjoni.

2. Votant tal-Komunità għandu jippreżenta l-istess dokumenti bħall-votant li huwa ċittadin biex ismu jiddaħħal fil-lista elettorali. Għandu wkoll jippreżenta dikjarazzjoni formali biex jistqarr:

- (a) in-nazzjonalità u l-indirizz tiegħu fit-territorju elettorali ta' l-Istat Membru tar-residenza;
- (b) fejn japplika, il-lokalità jew il-kostitwenza fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza fejn ismu tniżżel l-aħħar fuq lista elettorali, u
- (ċ) li huwa jeżerċita d-dritt tiegħu għall-vot fl-Istat Membru tar-residenza biss.

3. L-Istat Membru tar-residenza jista' wkoll jitlob votant tal-Komunità li:

- (a) jistqarr fid-dikjarazzjoni tiegħu, skond il-paragrafu 2, li ma ċcaħhadlux id-dritt għall-vot fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza;
- (b) jippreżenta dokument validu ta' l-identità, u
- (ċ) jindika d-data minn kemm ilhu joqgħod f'dan l-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor.

4. Il-votanti tal-Komunità jibqgħu mniżżla fil-lista elettorali bl-istess kondizzjonijiet tal-votanti li huma ċittadini sakemm jitlobu huma li jitneħħew jew sakemm jitneħħielhom id-dritt awtomatikament għax ma jibqgħux jissodisfaw il-ħteġijiet għad-dritt għall-vot.

## Artikolu 10

1. Ċittadin tal-Komunità għandu jippreżenta l-istess dokumenti meħtieġa bħal kandidat li huwa ċittadin meta jagħti l-applikazzjoni tiegħu biex joħroġ bħala kandidat. Għandu wkoll jipproduċi dikjarazzjoni formali li tiddikjara:

- (a) in-nazzjonalità u l-indirizz tiegħu fit-territorju elettorali ta' l-Istat Membru tar-residenza;

- (b) li mhux se joħroġ bħala kandidat għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew f'xi Stat Membru ieħor; u
- (ċ) fejn japplika, il-lokalità jew il-kostitwenza fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza fejn ismu tniżżel l-aħħar fuq lista elettorali.

2. Meta jagħti l-applikazzjoni tiegħu biex joħroġ bħala kandidat, ċittadin tal-Komunità għandu ukoll jippreżenta attestazzjoni mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' l-Istat Membru taċ-ċittadinanza li jiċċertifika li ma ċcaħhadlux id-dritt li joħroġ bħala kandidat f'dan l-Istat Membru jew li dawn l-awtoritajiet ma jafu bl-ebda skwalifika.

3. L-Istat Membru tar-residenza jista' jitlob ukoll liċ-ċittadin tal-Komunità li għandu d-dritt li joħroġ bħala kandidat biex jippreżenta dokument validu ta' l-identità. L-Istat Membru tar-residenza jista' jitlobu wkoll biex jindika d-data minn mindu ilhu ċittadin ta' Stat Membru.

#### Artikolu 11

1. L-Istat Membru tar-residenza għandu jgħarraf lill-persuna kkonċernata bl-ażżjoni li ttieħdet fuq l-applikazzjoni tagħha biex titniżżel fil-lista elettorali, jew bid-deċiżjoni fuq l-ammissibilità ta' l-applikazzjoni tagħha biex toħroġ bħala kandidat.

2. Jekk persuna tiġi mċaħħda milli titniżżel fil-lista elettorali jew jekk l-applikazzjoni tagħha biex toħroġ bħala kandidat tiġi rrifjutata, il-persuna kkonċernata għandha d-dritt għall-rimedji legali skond ir-regoli tal-liġi li l-Istat Membru tar-residenza jippreskrivi liċ-ċittadini tiegħu li għandhom d-dritt għall-vot u biex joħorġu bħala kandidati.

#### Artikolu 12

L-Istat Membru tar-residenza għandu jgħarraf lill-votanti tal-Komunità u liċ-ċittadini tal-Komunità li għandhom dritt joħorġu bħala kandidati bil-kondizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati ta' kif jeżerċitaw id-dritt għall-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet f'dan l-Istat minn qabel u b'mod xieraq.

#### Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jgħaddu t-tagħrif meħtieġ lill-xulxin għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 4. Għal dan il-għan, skond il-bażi tad-dikjarazzjoni formali msemmija fl-Artikoli 9 u 10, l-Istat Membru tar-residenza għandu jgħati lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza informazzjoni dwar iċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru mniżżla fuq il-listi elettorali jew li ħarġu bħala kandidati fl-Istat Membru tar-residenza, qabel biżżejjed id-data tal-votazzjoni. Skond il-liġi nazzjonali tiegħu, l-Istat Membru taċ-ċittadinanza għandu jieħu l-passi xierqa biex jassigura li iċ-ċittadini tiegħu ma jivvotawx iktar minn darba jew u ma joħorġux bħala kandidati fiktur minn Stat Membru wieħed.

### IL-KAPITOLU III

#### DEROGI U DISPOŻIZZJONIJET TRANSITORJI

#### Artikolu 14

1. Fl-1 ta' Jannar 1993, jekk il-proporzjon taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, li għandhom l-età tal-vot, li joqgħodu f'xi Stat Membru imma m'humiex ċittadini tiegħu, jaqbeż l-20 % tan-numru totali

taċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqgħodu f'dan l-Istat Membru u li għandhom l-età tal-vot, b'deroga mill-Artikoli 3, 9 u 10, dan l-Istat Membru jista':

- (a) jirrestrinġi lil dawk il-votanti tal-Komunità li ilhom joqgħodu f'dan l-Istat Membru għal perjodu minimu ta' żmien, li ma jistax jaqbeż il-ħames snin, mid-dritt għall-vot;
- (b) jirrestrinġi lil dawk iċ-ċittadini tal-Komunità li għandhom id-dritt li joħorġu bħala kandidati fl-Istat Membru fejn ilhom joqgħodu għal perjodu minimu taż-żmien, li ma jistax jaqbeż l-10 snin, minn dan id-dritt.

Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-passi xierqa li dan l-Istat Membru jista' jieħu rigward il-kompożizzjoni tal-listi tal-kandidati u li huma maħsuba b'mod partikolari biex iħajru l-integrazzjoni taċ-ċittadini mhux nazzjonali fl-Unjoni.

Madankollu, il-votanti tal-Komunità u iċ-ċittadini tal-Komunità li għandhom id-dritt joħorġu bħala kandidati imma li minħabba l-fatt li jkunu marru joqgħodu barra mill-Istat Membru taċ-ċittadinanza, jew minħabba t-tul taż-żmien ta' din ir-residenza, ma jkollhomx id-dritt għall-vot jew li joħorġu bħala kandidati f'dan l-Istat Membru taċ-ċittadinanza ma għandhomx jiġu soġġetti għall-kondizzjonijiet dwar it-tul taż-żmien tar-residenza msemmija hawn fuq.

2. Fejn, mill-1 ta' Frar 1994, il-liġijiet ta' Stat Membru jippreskrivu li iċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor li joqgħodu fih ikollhom id-dritt li jivvotaw għall-Parlament nazzjonali ta' dan l-Istat u, għal dan il-għan, jistgħu jitniżżlu fil-lista elettorali ta' dan l-Istat bl-istess kondizzjonijiet eżatti bħal dawk tal-votanti nazzjonali, l-ewwel Stat Membru msemmi, b'deroga minn din id-Direttiva, jista' jonqos milli japplika l-Artikoli 6 sa 13 fejn jidħlu dawn iċ-ċittadini.

3. Sal-31 ta' Diċembru 1997 u minn dik id-data l-8-il xahar qabel kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tgħaddi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tikkontrolla li d-deroga mogħtija lill-Istati Membri kkonċernati skond l-Artikolu 8b (2) tat-Trattat KE jkun għad hemm b'żonnha u tipproponi xi aġġustamenti meħtieġa.

L-Istati Membri li jinvokaw id-derogi skond il-paragrafu 1 għandhom jagħtu t-tagħrif ta' sfond kullu meħtieġ lill-Kummissjoni.

#### Artikolu 15

Għar-raba' elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali li ġejjin:

- (a) iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li, fil-15 ta' Frar 1994, diġà għandhom id-dritt li jivvotaw fl-Istat Membru tar-residenza u li isimhom jidher fuq il-lista elettorali fl-Istat Membru tar-residenza m'għandhomx jiġu soġġetti għall-formalitajiet preskritti

fl-Artikolu 9;

- (b) l-Istati Membri fejn il-listi elettorali ikunu diġà ġew finalizzati qabel il-15 ta' Frar 1994 għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jagħtu l-possibilità lill-votanti tal-Komunità li jixtiequ jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-vot f'dawn l-Istati Membri jniżżlu isimhom fil-lista elettorali minn qabel il-jum tal-votazzjoni;

- (c) l-Istati Membri li ma jimlewx listi elettorali speċifiċi imma jindikaw l-eligġibbiltà għall-vot fir-reġistru tal-popolazzjoni, u fejn il-vot mhux obbligatorju, jistgħu japplikaw ukoll din is-sistema għall-votanti tal-Komunità li jidhru fuq dan ir-reġistru u li, wara li jiġu nformati individwalment dwar id-drittijiet tagħhom, ma jkunux urew ix-xewqa li jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza. Id-dokument li juri l-intenzjoni ta' dawn il-votanti li jivvotaw fl-Istat Membru tar-residenza għandu jintbagħat lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza;
- (d) l-Istati Membri fejn il-proċedura interna għan-nomina tal-kandidati għall-partiti u għall-gruppi politiċi hija rregolata bil-liġi jistgħu jipprovdu li dawn il-proċeduri, li, skond din il-liġi, bdew qabel l-1 ta' Frar 1994, u d-deċiżjonijiet meħuda f'dan il-qafas għandhom jibqgħu validi.

## IL-KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***Artikolu 16*

Il-Kummissjoni għandha tagħti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 1995 dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 1994. Skond il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kunsill, faġir unanimu fuq il-proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, jista' jadotta dispożizzjonijiet li jemendaw din id-Direttiva.

*Artikolu 17*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Frar 1994. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva, jew għandhom jiġu b'din ir-riferenza mal-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif tintagħmel din ir-riferenza għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri.

*Artikolu 18*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 19*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 1993.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

W. CLAES